MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2012

Numru. 850/2012

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Kawza Nru: 850/2012**

**Illum, 21 ta' Awwissu 2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Salvatore Zisa iben Angelo u Rosaria xebba D'Amato, imwieled gewwa Vittoria nhar is-26 ta' Novembru 1991 u residenti temporanjament gewwa Il-Perit, Flat numru 2, Triq Spinola San Giljan, detentur tal-karta ta'l-identita taljana numru AS6449141.**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Salvatore Zisa akkuzat talli nhar it-18 ta' Awwissu 2012 ghal habta ta' 3:00am fi Triq San Gorg, San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' Frazer Clarke f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, liema offiza giet maghmula b'arma regulari u dan bi ksur tal-Kap.9, Artiklu 218(1)b.
2. Akkuzat ukoll li fl-istess data, hin u lok zamm fil-pussess tieghu garr il-barra minn xi fond jew dintorni tieghu, sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta ta' liema xorta hija minghajr licenzja jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija u dana bi ksur tal-Kap.480 Artiklu 6 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti esebiti.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirriafferma l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontrieh, l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-istess.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputatu tiehu konsiderazzjoni il-fatti illi l-imputat ihallas lill-vittma l-ispejjez medici u spejjez ohrajn inkorsi minnu minhabba l-ferita subita f'dana l-incident u dana

minghajr pregudizzju ghad-drittijiet civili spettanti lill-parti leza dwar xi hsara permanenti li jista' isofri kagun tal-ferita subita f'wiccu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 218(1)(b) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba snin mil-lum.

Inoltre l-imputat qed jigi ikkundannat ghal hlas ta' multa ta' €116.47.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina is-sentenza.

Il-Qorti tordna illi kopja ta'l-atti u s-sentenza jintbaghtu lill-Avukat
Generali skond il-ligi.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------